



Brussell, 19 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12283/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0143(NLE)**

TRANS 444

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 11127/19
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub li għandha titnieda mill-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) għall-adozzjoni ta' modifiki għall-NVR u għall-UTPs tat-TAF – Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-10 ta' Lulju 2019 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-proċedura bil-miktub li għandha titnieda mill-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-OTIF għall-adozzjoni ta' modifiki għal ċerti dispożizzjonijiet tekniċi.
2. L-emendi għall-COTIF għandhom jiġu adottati bl-użu ta' proċedura bil-miktub immedija mis-Segretarjat Ġenerali tal-OTIF fl-20 ta' Awwissu 2019. Il-proċedura tagħlaq fit-30 ta' Novembru 2019.
3. L-Unjoni ssieħbet fil-COTIF fl-2011 bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011.

II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU

4. Fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Settembru 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżamina u approva l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni.

III. KONKLUŻJONIJIET

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni u jippreżentah għall-adozzjoni mill-Kunsill ENV (Ambjent) fl-4 ta' Ottubru 2019, kif ippreżentat fid-dokument 11365/19 u rivedut mill-ġuristi lingwisti.
 6. Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata, il-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwarha.
-